

24.5.2023

A9-0184/392

Emenda 392

Gilles Lebreton, Alessandra Basso, Gunnar Beck, Virginie Joron
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0184/2023

Lara Wolters

Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva
(COM(2022)0071 – C9-0050/2022 – 2022/0051(COD))

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) dwar l-obbligi għall-kumpaniji rigward l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti negattivi ambjentali, reali u potenzjali, fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom, u l-operazzjonijiet tal-katina ***tal-valur imwettqa*** minn entitajiet li l-kumpanija jkollha relazzjoni kummerċjali stabbilita magħhom u

(a) dwar l-obbligi għall-kumpaniji rigward l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti negattivi ambjentali, reali u potenzjali, fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom, u l-operazzjonijiet tal-katina ***tal-provvista mwettqa*** minn entitajiet li l-kumpanija jkollha relazzjoni kummerċjali stabbilita magħhom u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa diffiċli għal kumpanija li tikkontrolla l-katina tal-valur kollha tagħha, kemm upstream (min-naħa tal-fornitur) kif ukoll downstream (klijenti, bejjiegħa bl-innut, prodott użat...). Għal possibbiltà realistika li jinkisbu l-oġettivi tal-proposta, id-dispożizzjonijiet obligatorji (u komprensivi) għandhom ikunu limitati għal dawk il-partijiet tal-katina tal-provvista li magħhom in-negozji għandhom relazzjonijiet kuntrattwali diretti mal-fornitur. Din l-emenda tapplika għat-test kollu; l-adozzjoni tagħha se tkun teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.

24.5.2023

A9-0184/393

Emenda 393

Gilles Lebreton, Alessandra Basso, Gunnar Beck, Virginie Joron
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0184/2023

Lara Wolters

Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva
(COM(2022)0071 – C9-0050/2022 – 2022/0051(COD))

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jżguraw li l-impriżi kostitwiti skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni skont dan l-Artikolu, jiddikjaraw u juru li jikkonformaw ma' obbligi ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fil-pajjiżi terzi fejn ikollhom l-uffiċċju prinċipali, sussidjarja jew fergħa tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri biex tistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-obbligi meħtieġa minn din id-Direttiva u biex tistabbilixxi kriterji ġenerali ta' ekwivalenza għall-istandards ta' diliġenza dovuta.

Or. en

24.5.2023

A9-0184/394

Emenda 394

Gilles Lebreton, Alessandra Basso, Gunnar Beck, Virginie Joron
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0184/2023

Lara Wolters

Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva
(COM(2022)0071 – C9-0050/2022 – 2022/0051(COD))

Proposta għal direttiva

Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15

imħassar

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1), u l-punt (a) tal-Artikolu 2(2) għandhom jadottaw pjan sabiex jiżguraw li l-mudell kummerċjali u l-istrateġija tal-kumpanija jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Dan il-pjan għandu, b'mod partikolari, jidentifika, abbażi ta' informazzjoni raġonevolment disponibbli għall-kumpanija, sa liema punt it-tibdil fil-klima huwa riskju għall-operazzjonijiet tal-kumpanija jew impatt tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ li t-tibdil fil-klima jiġi jew kellu jiġi identifikat bħala riskju prinċipali għall-operazzjonijiet tal-kumpanija jew impatt prinċipali tagħhom, il-kumpanija tinkludi objettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fil-pjan tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jqisu kif xieraq l-issodisfar tal-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 meta jstabbilixxu rimunerazzjoni varjabbli, jekk rimunerazzjoni varjabbli tkun marbuta mal-kontribuzzjoni ta'

AM\1279473MT.docx

PE748.687v01-00

*direttur għall-istrateġija kummerċjali tal-
kumpanija u l-interessi u s-sostenibbiltà
fit-tul.*

Or. en